## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **954/2024/1 (AD)**

## ENEMED CO. LTD (C66404)

**VS**

## UNION ĦADDIEMA MAGĦQUDIN (UHM) – VOICE OF THE WORKERS (UNJIN REĠISTRATA BIN-NUMRU 130)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Enemed Co Ltd, ippreżentat fil-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024, u risposta ippreżentata mill-Union Ħaddiema Magħqudin (minn issa 'l quddiem *"il-Unjin intimata"*) nhar it-tlettax (13) ta' Ġunju 2024;

**Preliminari**

2. B’rikors preżentat fil-ħamsa (5) ta’ Ġunju 2024, is-soċjeta’ rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-Unjin intimata milli:

> **Timplimenta jew tkompli timplimenta jew tippromwovi bi kwalunkwe mod l-istruzzjonijiet jew direttivi industrijali indirizzati lil Aircraft Refuelling Technicians u Aviation Crewmen (flimkien ser jissejħu “Aircraft Refuellers”) jew lil xi impjegati oħra tal-kumpanija, liema direttivi ġew komunikati lill-kumpanija permezz ta’ messaġġ elettroniku mibgħut minn Peter Cutajar fl-4 ta’ Ġunju 2024 f’isem il-unjin intimata lir-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti, u/jew toħroġ direttivi oħra lil ħaddiema tal-kumpanija, li b’xi mod jew ieħor iwaqqfu jew ifixklu l-andament tal-operazzjonijiet tas-soċjeta’ intimata (inkluż l-operat tas-soċjeta’ intimata fl-Ajruport ta’ Malta) jew ifixklu b’mod ieħor l-andament regolari tal-azjenda tas-soċjeta’ rikorrenti u li jikkonċernaw kwistjonijiet industrijali ta’ natura kollettiva u mhux individwali.**

3. Il-Qorti, b’digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta’ Ġunju 2024 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b’mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta’ risposta datata tlettax (13) ta’ Ġunju 2024, il-unjin intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni kif mitlub, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar ‘il quddiem.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Ġunju 2024;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Fatti tal-Każ**

8. Jirriżulta mill-atti illi s-soċjeta' intimata tirrikonoxxi lit-*trade union* GWU (*General Workers' Union*) bħala l-unjin li tirrappreżenta l-ħaddiema kollha tal-kumpanija, inkluż l-*Aircraft Refuellers*, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 413 tal-2016, u konsegwentement is-soċjeta' rikorrenti adottat ftehim kollettiv dwar il-kundizzjonijiet ta' paga u xogħol għall-ħaddiema kollha tas-soċjeta' rikorrenti. B'korrispondenza datata erbgħa (4) ta' Ġunju 2024, il-unjin intimata informat lis-soċjeta' rikorrenti illi kienet qed toħroġ direttiva individwali fir-rigward ta' numru ta' *Aircraft Refuellers*, a bażi ta' kwestjoni dwar paga ugwali għal grupp ta' ħaddiema membri fl-istess unjin. Is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi illi din id-direttiva hija illegali u ser toħolqilha preġudizzju irrimedjabbli, stante illi sejra tfixkel serjament is-servizz ta' *refuelling* fuq l-ajruplani li jaslu fl-ajruporrt ta' Malta. Issostni wkoll illi anke jekk jinstab illi hemm numru ta' ħaddiema li mhux qed jitħallsu ugwalment, dan ma jagħti ebda jedd lill-unjin intimata illi tinċidi, tindaħal u/jew tfixkel il-ħidma tal-GWU favur il-membri tagħha li ġew koperti minn ftehim kollettiv;

9. Mill-banda l-oħra, il-unjin intimata ssostni illi hija mhix tikkontesta l-fatt illi l-unjin rikonoxxuta mis-soċjeta' rikorrenti hija l-GWU, u lanqas qed tikkontesta l-fatt illi l-unjin intimata m'għandhiex rikonoxximent mis-soċjeta' rikorrenti sabiex tkun tista' tinnegozja fuq materji kollettivi; madanakollu, huwa l-obbligu tagħha illi tipproteġi l-interessi ta' dawk l-impjegati li jissieħbu magħha b'mod individwali. Tissottometti illi m'hemm xejn fil-liġi illi jimpediha milli tagħti direttivi fuq bażi individwali, u l-kuntrarju jkun ifisser li jekk ħaddiema jagħżlu illi jissieħbu u jassoċjaw ruħhom ma' unjin illi ma tkunx dik rikonoxxuta mill-prinċipal, ma jkollhomx il-possibilta' illi jgawdu l-

protezzjoni ta' unjin. Il-unjin intimata tispjega illi d-direttivi illi ħarġet fuq bażi individwali għall-membri tagħha kienu diġa' oriġinarjament inħarġu mill-GWU, iżda l-GWU irtirat din id-direttiva b'mod limitat fir-rigward tal-ħaddiema illi ddeċidew li jissieħbu mal-unjin intimata peress illi l-GWU ma kinitx għadha tirrappreżentahom.

**Konsiderazzjonijiet**

10. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

11. Jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ġiex pruvat illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi s-soċjeta' rikorrenti qed tippretendi illi għandha;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi s-soċjeta' rikorrenti qed titlob illi l-unjin intimata tiġi inibita milli tagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lis-soċjeta' rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

12. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

---

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

*Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

13. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

*Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta'*

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

14. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

    *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

15. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-unjin intimata hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tas-soċjeta' rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tas-soċjeta' rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

16. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

    *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat*

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

17. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi tkun ser issofri s-soċjeta' rikorrenti permezz tal-att illi qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **<u>irrimedjabbli</u>** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

18. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]:

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*

---

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

19. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

20. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

## 1. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Jedd *Prima Facie*</u>

21. Fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi illi hija għandha jedd *prima facie* titlob illi l-unjin intimata tiġi inibita milli tordna direttivi, u dan stante illi (a) hemm ftehim kollettiv illi ġie ffirmat mal-GWU illi jkopri l-ilment tal-impjegati tagħha illi llum issieħbu mal-unjin intimata; (b) hija l-GWU l-unika unjin illi hija rikonoxxuta mis-soċjeta' rikorrenti fit-termini tar-Regolament 5 tal-LS 452.112;

---

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

22. Din il-Qorti rat illi huwa minnu illi, fit-termini tar-Regolament 5 tal-LS 452.112,

> *5. Ġaladarba union tiġi rikonoxxuta bħala l-unika union li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol, l-ebda union oħra ma tista tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal, u min-naħa l-oħra, l-ebda prinċipal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati ma' union li mhijiex il-union rikonoxxuta.*

23. Madanakollu, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Marco Bonnici noe et vs Il-Union Professional Educators (UPE) et***[8], illi kien jittratta talba tal-Malta Union of Teachers sabiex il-UPE tiġi inibita milli tagħti direttivi kollettivi lill-edukaturi, din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet,

> *Mhuwiex kontestat mill-intimati li l-Malta Union of Teachers tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema fil-qasam edukattiv.*
>
> *Lanqas ma huwa kontestat mill-intimati illi dak il-fatt jaghti lill-Malta Union of Teachers il-jedd li meta tigi biex tinnegozja mal-principal dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol ikollha jedd titkellem u tittratta hi wahedha anke ghal dawk il-haddiema li mhux membri taghha. Hekk ghandu jkun bhala fatt, u hekk trid li jkun il-ligi, skont l-Art 5 tal-Avviz Legali 413 tal-2016.*
>
> *Dan premess, propju ghaliex il-liberta` ta` l-assocjazzjoni huwa dritt li huwa bl-Art 42 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Art 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, id-dritt tal-Malta*

[8] Mandat t'Inib 1477/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 12 ta' Novembru 2019

*Union of Teachers li tittratta b`mod kollettiv kif fuq inghad ma jistax jigi estiz bil-mod kif soggettivament qeghda tippretendi fil-procediment odjern.*

*Qiegħed jingħad hekk għaliex il-Malta Union of Teachers ma tistax tippretendi li ghandha jedd li zzomm jew tfixkel lill-Union of Professional Educators milli taqbez u tidhol ghall-membri taghha fi kwistjonijiet li ma jiskonfinawx fuq il-jedd tal-Malta Union of Teachers li tkun hi li taghmel collective bargaining ghax ghandha tirrapprezenta l-maggoranza tal-edukaturi.*

24. Minn dan l-insenjament jirriżulta għalhekk illi unjin bħalma hi l-unjin intimata għandha dritt taqbeż għall-membri tagħha fi kwestjonijiet illi dwarhom il-GWU, bħala l-unjin rikonoxxuta mis-soċjeta' rikorrenti, ma tkunx għamlet *collective bargaining*. In oltre, imbagħad, f'digriet mogħti fl-ismijiet ***Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (UMASA) et***, fejn il-Malta Union of Teachers talbet lill-Qorti żżomm lill-intimati milli jipproċedu bil-proċess sabiex jiġu rikonoxxuti bħala s-*sole collective bargaining union* fir-rispett ta' xi impjegati fl-Universita' ta' Malta, din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet illi,

*UMASA, bħala trade union reġistrata taħt il-liġi fis-seħħ, għandha wkoll jedd lil hinn mid-daqqa t'għajn li titlob għarfien minn prinċipal għal dak li jirrigwarda negozjar ta' ftehim kollettiv dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kategoriji ta' ħaddiema mseħbin magħha, jekk jikkonkorru l-elementi magħrufa mill-istess liġi biex dan l-għarfien jista' jingħata. Dan il-jedd illum jista' jitwettaq bil-mekkaniżmu ta' verifika li l-liġi nediet sewwasew bil-ħsieb li ssib tarf ta' kwestjonijiet dwar għarfien għall-finijiet ta' negozjar kollettiv bla ma jkun meħtieġ li wieħed ikollu jirrikorri għal-litigazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja;*

25. Mill-premess isegwi illi l-unjin intimata għandha dritt tinnegozja hija wkoll mas-soċjeta' rikorrenti, u l-GWU m'għandhiex dritt oġġettiv timpedixxi lill-unjin intimata milli taġixxi għan-nom tal-membri tagħha u/jew timpedixxi lill-unjin milli titlob illi tiġi rikonoxxuta mis-soċjeta' rikorrent;

26. Issa fil-każ odjern, b'kuntrast maż-żewġ digrieti appena ċitati, il-GWU ma daħlitx fil-vertenza bejn il-partijiet; anzi, kienet hi stess illi ħaslet idejha mill-kwestjoni meta ddikjarat f'*e-mail* datata sitta (6) ta' Novembru 2023[9] illi, *"since the AC's* [cioe, Aviation Crewpersons] *are no longer members of the GWU, the GWU is withdrawing the below directive"*, liema direttiva kienet daħlet fis-seħħ fl-erbatax (14) ta' Settembru 2021 per kawża illi *"the Company is still breaching the Agreement made by both Enemed & the GWU in September 2019 regarding the On Call payment"*[10]. Għaldaqstant il-GWU għarfet illi kien hemm impjegati illi ma kinux għadhom imsieħba magħha, cioe l-impjegati rappreżentati mill-unjin intimata, u ddikjarat illi ma kinux għadhom igawdu mid-direttivi tagħha;

27. Il-punt illi għalih trid tasal din il-Qorti huwa illi jekk saħansitra lanqas il-GWU stess, illi hija l-unjin rikonoxxuta mis-soċjeta' rikorrenti, ma kellha dritt, lanqas li kieku riedet, illi żżomm lil impjegati tas-soċjeta' rikorrenti li m'għadhomx imsieħba magħha, milli jissieħbu ma' unjin oħra jew illi l-istess unjin tinnegozja f'isimhom mis-soċjeta' rikorrenti, sakemm dak li minnu jkunu qed jilmentaw l-istess impjegati ma jkunx kopert minn dak illi jaqa' fil-mansjoni tal-GWU illi dwaru tagħmel *collective bargaining*, aktar u aktar m'għandhiex dritt oġġettiv *prima facie* s-soċjeta' rikorrenti illi tagħmel dan, meta d-dritt t'assoċjazzjoni qiegħed hemm preċiżament sabiex jikkawtela d-drittijiet t'impjegat vis-a-vis dak li jħaddmu;

28. Il-fatt illi dak illi qed tippremetti l-unjin intimata jaffettwa individwi u mhux xi klassi kollettiva jirriżulta mill-fatt illi d-direttiva tal-unjin intimata tispeċifika

[9] **Dok EM3** esebita waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2024 mis-soċjeta' rikorrenti
[10] E-mail datata 13 ta' Settembru 2021, esebita waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2024 mis-soċjeta' rikorrenti

illi qed jiġu milquta minnha biss membri tagħha fi ħdan is-Sezzjoni tal-Avjazzjoni (*"il-membri milquta qed jiġu ordnati sabiex jobdu direttivi mogħtija minn din l-Unjin u maħruġa fuq bażi individwali"* stante illi, *"mhux qed jingħataw l-istess paga u kundizzjonijiet għall-istess xogħol"*[11]). Tispjega wkoll fir-risposta tagħha illi l-ħruġ tad-direttivi in kwestjoni hi proprju fir-rigward *"tad-dritt fundamentali għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali kif provdut taħt l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li s-soċjeta' rikorrenti Enemed Co Limited għadha qed tirrifjuta li timplementa fir-rigward ta'* ***wħud mill-impjegati*** *tagħha fi ħdan l-'Aviation Section'"* (emfasi miżjuda);

29. Għaldaqstant jirriżulta lil din il-Qorti mad-daqqa t'għajn illi l-kwestjonijiet trattati mill-unjin intimata huma kwestjonijiet illi jirrigwardaw membri individwali, u mhux klassi t'impjegati fil-kollettiv. Il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti kien ikollha raġun li kieku l-kwestjoni kienet tirrigwarda mertu fil-kollettiv illi jiskonfina fuq il-jedd tal-GWU illi tordna hi d-direttivi; iżda fil-każ odjern, kienet il-GWU stess illi stqarret illi l-individwi illi ġew rappreżentati mill-unjin intimata m'għadhomx milquta mid-direttivi tagħha, b'dana għalhekk illi eskludiet lill-membri tal-unjin intimata u l-ilmenti tagħhom mill-mansjoni illi hija teżerċita bħala *"sole and exclusive bargaining agency for the employees"*[12];

30. Naturalment, din il-Qorti tqis illi, gialadarba l-GWU stess iddikjarat illi dawn l-impjegati m'għadhomx milquta mid-direttivi tagħha, anke fid-dawl tal-fatt illi l-istess impjegati jgawdu mid-dritt t'assoċjazzjoni kif sanċit bl-Art 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Art 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, huwa d-dritt *prima facie* tal-impjegati illi jiġu rappreżentati mill-unjin intimata. Konsegwentement, din il-Qorti ma tqisx illi s-soċjeta' rikorrenti għandha d-dritt *prima facie* oġġettiv illi titlob il-ħruġ tal-mandat odjern;

---

[11] **Dok EM2** a fol 28 tal-proċess, annessa mar-rikors odjern
[12] Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv, immarkat **Dok EM1** a fol 2 *et seq* tal-proċess

31. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma ssibx illi ġie sodisfatt l-ewwel element sabiex tintlaqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat odjern.

**B. It-Tieni u t-Tielet Rekwiżiti**

32. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tal-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024; u

ii. **Tiċħad** it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, erbgha u għoxrin (24) ta' Ġunju 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**